MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2013

Numru 10/2013

Numru 10/2013

Att ta’ Akkuża numru 10/2013

**Ir-Repubblika ta’ Malta**

**kontra**

***Omissis***,

Illum 24 ta’ Ottubru, 2013,
Il-Qorti,

Rat l-att tal-akkuza numru 10 tas-sena 2013 migjuba kontra l-akkuzat ***Omissis*** detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 88996(M) li bih huwa gie akkuzat talli:

Wara illi l-Avukat Generali fl-ewwel Kap ippremetta illi l-minuri ***Omissis*** (aktar l-isfel magħruf bħala “***Omissis***”) jiġi iben ***Omissis***, oħt l-akkużat ***Omissis***. Għal ħabta tax-

xahar t'Ottubru tas-sena elfejn u disgħa u fis-sentejn u nofs preċedenti ***Omissis*** u l-akkużat kienu jirrisjedu fid-dar tar-residenza tal-ġenituri tal-akkużat fil-***Omissis***, u fil-fatt kienu jorqdu fl-istess kamra tas-sodda fuq żewġ sodod li kienu għamluhom flimkien biex ***Omissis*** ma jaqax bil-lejl peress li f'dan il-perjodu ta' żmien ***Omissis*** kien għad għandu bejn tmienja u għaxar snin. Għalkemm kien qisu ħuh il-kbir, l-akkużat xejn ma kien t'eżempju tajjeb għall-minuri ***Omissis***. Matul dan il-perjodu hawn fuq imsemmi kien hemm drabi fejn l-akkużat stupra lill-minuri ***Omissis***.

Fiż-żminijiet hawn fuq imsemmija, kien hemm drabi fejn l-akkużat, allura z-ziju matern ta' ***Omissis*** (li dak iż-żmien allura kien mhux biss anqas minn tnax il-sena, iżda meta seħħ dan il-każ kellu wkoll anqas minn disa' snin, u kien ukoll jgħix fl-istess dar bħall-akkużat u kien ilu jgħix hemmhekk għal aktar minn sena), żamm lill-minuri ***Omissis*** kontra r-rieda tiegħu biex jabbuża minnu sesswalment u għamel il-ħsieb li jistupra lill-minuri ***Omissis*** u wettaq dan il-ħsieb billi bil-vjolenza u kontra l-volonta tal-minuri ***Omissis***, stupra lill-istess ***Omissis*** billi kellu konġunġiment karnali kontra n-natura miegħu billi l-akkużat ippenetra analment bil-pene tiegħu liċ-ċkejken ***Omissis*** li wara l-penetrazzjoni beda jgħajjat bl-uġiegħ. Wara din il-penetrazzjoni anali, l-akkużat kien idaħħal il-pene tiegħu f'ħalq ***Omissis*** li sadattant kien jibki u wara dan l-akkużat kien jeġakula u jmur f'postu biex jorqod. B'xorti ħażina dan l-istupru fuq il-persuna tal-minuri ***Omissis*** seħħ għal aktar minn darba. L-akkużat kien ukoll, b'mod qarrieqi, biex isikket lill-minuri milli jiżvela l-aġir illegali u abbużiv tiegħu, ibeżżża' lill-minuri li jekk jikxef x'kien qed jagħmel miegħu kien jgħajjat miegħu.

Illi b'għemilu l-imsemmi ***Omissis*** sar ħati talli b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, iżda li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda ikkommetta stupru vjolenti aggravat, u ċioè talli kkommetta stupru fuq persuna tas-sess il-wieħed jew l-ieħor; b'dan li l-istupru dejjem jitqies li huwa vjolenti stante li kommess fuq persuna li kienet taħt l-eta ta' tnax il-sena kif ukoll billi l-akkużat, b'mod qarrieq, biex isikket lill-minuri milli jiżvela l-aġir illegali u abbużiv

tiegħu, kien ibeżża' lill-minuri li jekk jikxef x'kien qed jagħmel miegħu kien jgħajjat miegħu; u dan l-istupru huwa aggravat inkwantu sar fuq persuna li fil-mument tal-istupru ma kienetx għalqet l-eta ta' disa' snin u/jew meta sar dan l-istupru sar fuq il-persuna ta' ***Omissis***, l-istess ***Omissis*** jgħix fl-istess dar bħall-akkużat u kien jgħix mal-akkużat matul perjodu ta' sena qabel ma seħħ l-istupru.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tal-fatti u ċ-ċirkostanzi kollha ta' lok, żmien, u ħin hawn fuq imsemmija f'dan il-kap t'akkuża, jakkuża lill-imsemmi ***Omissis*** li sar ħati talli għall-ħabta tax-xahar t'Ottubru tas-sena elfejn u disgħa u fis-sentejn u nofs preċedenti fil-***Omissis*** b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, iżda li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda kkommetta stupru vjolenti aggravat, u ċioè talli kkommetta stupru vjolenti fuq persuna tas-sess il-wieħed jew l-ieħor; b'dan li l-istupru dejjem jitqies li huwa vjolenti stante li kommess fuq persuna li kienet taħt l-eta ta' tnax il-sena kif ukoll billi l-akkużat, b'mod qarrieq, biex isikket lill-minuri milli jiżvela l-aġir illegali u abbużiv tiegħu, kien ibeżża' lill-minuri li jekk jikxef x'kien qed jagħmel miegħu kien jgħajjat miegħu; u huwa aggravat inkwantu sar fuq persuna li fil-mument tal-istupru ma kienetx għalqet l-eta ta' disa' snin u/jew meta dan l-istupru sar fuq persuna li kien jgħix fl-istess dar bħall-akkużat u kien jgħix mal-akkużat matul perjodu ta' sena qabel ma seħħ l-istupru;

Jitlob li jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn erba' snin sa tletin sena, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 18, 198, 201(a)(b), 202(g)(h)[v][vii], 17, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

Wara illi l-Avukat Generali fit-Tieni Kap ippremetta illi fl-isfond tal-fatti u ċirkostanżi ta' żmien u lok imsemmija aktar il-fuq f'dan l-att t'akkuża u ċioe għal ħabta tax-xahar t'Ottubru tas-sena elfejn u disgħa u fis-sentejn u nofs preċedenti, il-minuri ***Omissis*** (aktar l-isfel magħruf bħala "***Omissis***") li jiġi iben ***Omissis***, oħt l-akkużat ***Omissis*** u l-

istess akkużat kienu jirrisjedu fid-dar tar-residenza tal-ġenituri tal-akkużat fil-***Omissis***, u fil-fatt kienu jorqdu fl-istess kamra tas-sodda fuq żewġ sodod li kienu għamluhom flimkien biex ***Omissis*** ma jaqax bil-lejl.

Matul dan il-perjodu hawn fuq imsemmi, ċioe meta ***Omissis*** kellu bejn tmienja u għaxar snin kien hemm drabi meta l-akkużat stupra lil ***Omissis*** u waqt li jkun qed jagħmel dan, anke sabiex il-minuri ma jirnexxielux jaħrab, kien iżommu u jimmobilizzah filwaqt li l-akkużat kien jippenetra analment lill-minuri biex b'hekk ikollu konġunġiment karnali kontra n-natura u kontra l-volonta ta' ***Omissis***. F'dawk il-mumenti li fihom l-akkużat żamm lill-***Omissis*** biex ma jkunx jista jaħrab u jkun jista jistuprah, l-akkużat jiġi li wettaq att li bih ġiegħel lil ***Omissis*** joqgħod għal dan l-att li bih joffendi l-mistħija tas-sess tiegħu. ***Omissis*** kien ġie miżmum mill-akkużat kontra l-volonta tiegħu u l-liberta ta' moviment ta' ***Omissis*** kienet ġiet impeduta. L-akkużat ma kellux ordni skond il-Liġi tal-awtorita kompetenti u ċ-ċirkostanzi ma kienux fost dawk li fihom il-Liġi tagħti setgħa lil privat sabiex jarresta lil xi ħadd. L-akkużat kien ukoll, b'mod qarrieq, biex isikket lill-minuri milli jiżvela l-aġir illegali u abbużiv tiegħu, ibeżża' lill-minuri li jekk jikxef x'kien qed jagħmel miegħu kien jgħajjat miegħu.

Illi b'għemilu l-imsemmi ***Omissis*** sar ħati talli, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, iżda li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda, bla ordni skont il-Liġi tal-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-Liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil xi persuna kontra l-volontà tagħha; b'dan li d-delitt sar bħala mezz biex persuna tiġi mġiegħla tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaga li toffendi l-mistħija tas-sess ta' dik il-persuna, u wkoll dan id-delitt seħħ kontra l-persuna ta' ***Omissis*** ossija persuna li tkun qegħda tgħix fl-istess dar bħall-akkużat jew li kienet qegħda tgħix mal-akkużat matul perjodu ta' sena qabel ir-reat u persuna li tiġi mill-akkużat mid-demm sat-tielet grad inklużivament in kwantu l-akkużat huwa ziju matern tal-vitma ***Omissis***.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tal-fatti u ċirkostanżi ta' żmien u lok imsemmija aktar il-fuq f'dan l-att t'akkuża, jakkuża lill-imsemmi ***Omissis*** li sar ħati talli għal ħabta tax-xahar t'Ottubru tas-sena elfejn u disgħa u fis-sentejn u nofs preċedenti b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, iżda li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda, bla ordni skont il-Liġi tal-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-Liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil xi persuna kontra l-volontà tagħha; b'dan li d-delitt sar bħala mezz biex persuna tiġi mġiegħla tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaga li toffendi l-mistħija tas-sess ta' dik il-persuna, u wkoll dan id-delitt seħħ kontra l-persuna ta' ***Omissis*** ossija persuna li tkun qegħda tgħix fl-istess dar bħall-akkużat jew li kienet qegħda tgħix mal-akkużat matul perjodu ta' sena qabel ir-reat u persuna li tiġi mill-akkużat mid-demm sat-tielet grad inklużivament in kwantu l-akkużat huwa ziju matern tal-vitma ***Omissis***

U jitlob li jingħamel skont il-Liġi kontra l-akkużat ***Omissis*** u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn tlettax-il xahar sa ħames snin, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 18, 86, 87(1)(g)(h), 17, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

Wara illi l-Avukat Generali fit-Tielet Kap ippremetta illi fl-isfond tal-fatti u ċirkostanżi ta' żmien u lok imsemmija aktar il-fuq f'dan l-att t'akkuża u ċjoe għal ħabta tax-xahar t'Ottubru tas-sena elfejn u disgħa u fis-sentejn u nofs preċedenti il-minuri ***Omissis*** (aktar l-isfel magħruf bħala "***Omissis***" u iben ***Omissis***, oħt l-akkużat ***Omissis***) u l-akkużat kien jirrisjedu fid-dar tar-residenza tal-ġenituri tal-akkużat fil-***Omissis***, u fil-fatt kienu jorqdu fl-istess kamra tas-sodda fuq żewġ sodod li kienu għamluhom flimkien biex ***Omissis*** ma jaqax bil-lejl. Għalkemm l-akkużat kien iqis lilu nnifsu daqs li kieku kien ħuh il-kbir, huwa xejn ma kien t'eżempju tajjeb għall-minuri ***Omissis***. F'dan il-perjodu ta' żmien, ***Omissis*** kellu bejn tmienja u għaxar

snin u waqt li kienu jkunu fil-kamra tas-sodda, l-akkużat kien beda juri films pornografiċi lil ***Omissis***, kien iħeġġeġ lil ***Omissis*** biex joqgħod jara dawn il-films pornografiċi miegħu u anke ġieli kien iqajjem lill-***Omissis*** mill-irqad biex ikompli jara l-films pornografiċi li jkun qiegħed idawwar l-akkużat.

Iżda apparti minn dan, kien hemm drabi fejn l-akkużat, b'egħmil żieni kien jikkorrompi lil ***Omissis*** billi kien joqgħod jagħmel is-sess mat-tfajla tiegħu taħt il-friex fuq is-sodda fil-kamra tas-sodda tiegħu fil-preżenza tal-minuri ***Omissis***; kien hemm drabi oħra fejn l-akkużat immasturba lilu nnifsu billi qabad id ***Omissis*** u beda jużalu jdejh biex jimmasturba biha; kif ukoll kien hemm aktar minn darba fejn l-akkużat stupra vjolentement lil minuri ***Omissis***. Dawn l-attivitajiet sesswali seħħew meta ***Omissis*** kien għadu m'għalaqx l-eta ta tnax il-sena, meta kien isir dan l-egħmil żieni l-akkużat kien, b'mod qarrieqi, ibeżża' lill-minuri ***Omissis*** li jekk jikxef x'kien qed jagħmel miegħu kien jgħajjat miegħu, u meta l-akkużat kien ikun ukoll afdat miegħu għal xi żmien biex jieħu ħsiebu jew jindukrah.

Illi b'għemilu l-imsemmi ***Omissis*** sar ħati talli b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, iżda li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda, b'egħmil żieni, ikkorrompa lil ***Omissis***, meta dan ***Omissis*** kien għadu m'għalaqx it-tnax il-sena u f'kuntest fejn meta kien isir dan l-egħmil żieni l-akkużat kien, b'mod qarrieqi, ibeżża' lill-minuri ***Omissis*** li jekk jikxef x'egħmil żieni kien qed jagħmel miegħu l-akkużat kien jgħajjat miegħu, kif ukoll dan l-egħmil żieni seħħ meta l-minuri kien ikun ukoll afdat miegħu għal xi żmien biex jieħu ħsiebu jew jindukrah.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tal-fatti u ċ-ċirkostanzi kollha ta' lok, żmien, u ħin hawn fuq imsemmija f'dan il-kap t'akkuża, jakkuża lill-imsemmi ***Omissis*** li sar ħati talli għall-ħabta tax-xahar t'Ottubru tas-sena elfejn u disgħa u fis-sentejn u nofs preċedenti fil-***Omissis*** b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, iżda li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni

waħda b'egħmil żieni, ikkorrompa lil ***Omissis***, meta dan ***Omissis*** kien għadu m'għalaqx it-tnax il-sena u f'kuntest fejn meta kien isir dan l-egħmil żieni l-akkużat kien, b'mod qarrieqi, ibeżża' lill-minuri ***Omissis*** li jekk jikxef x'egħmil żieni kien qed jagħmel miegħu, l-akkużat kien jgħajjat miegħu, kif ukoll dan l-egħmil żieni seħħ meta l-minuri kien ikun ukoll afdat miegħu għal xi żmien biex jieħu ħsiebu jew jindukrah;

U jitlob li jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija sa tnax il-sena, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 18, 203(1)(a)(b)(c), 17, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

Wara illi l-Avukat Generali fir-raba' Kap ippremetta Illi fl-isfond tal-fatti u ċirkostanżi ta' żmien u lok imsemmija aktar il-fuq f'dan l-att t'akkuża u ċjoe għal ħabta tax-xahar t'Ottubru tas-sena elfejn u disgħa u fis-sentejn u nofs preċedenti il-minuri ***Omissis*** (aktar l-isfel magħruf bħala "***Omissis***" u iben ***Omissis***, oħt l-akkużat ***Omissis***) u l-akkużat kien jirrisjedu fid-dar tar-residenza tal-ġenituri tal-akkużat fil-***Omissis***, u fil-fatt kienu jorqdu fl-istess kamra tas-sodda fuq żewġ sodod li kienu għamluhom flimkien biex ***Omissis*** ma jaqax bil-lejl. F'dan il-perjodu ta' żmien u ċjoe meta ***Omissis*** kien għad għandu bejn tminn snin u għaxar snin, waqt li kienu jkunu fil-kamra tas-sodda, l-akkużat kien beda juri films pornografiċi lil ***Omissis***, kien iħeġġeġ lil ***Omissis*** biex joqgħod jara dawn il-films pornografiċi miegħu u anke ġieli kien iqajjem lill-***Omissis*** mill-irqad biex ikompli jara l-films pornografiċi li jkun qiegħed idawwar l-akkużat. Apparti minn hekk, kien hemm drabi fejn l-akkużat immasturba lilu nnifsu billi qabad id ***Omissis*** u beda jużalu jdejh biex jimmasturba biha; kif ukoll kien hemm aktar minn darba fejn l-akkużat stupra vjolentement lil minuri ***Omissis***.

Illi b'għemilu l-imsemmi ***Omissis*** sar ħati talli b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, iżda li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li kienu

magħmula b'riżoluzzjoni waħda, ipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taħt l-eta.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tal-fatti u ċ-ċirkostanzi kollha ta' lok, żmien, u ħin hawn fuq imsemmija f'dan il-kap t'akkuża, jakkuża lill-imsemmi ***Omissis*** li sar ħati talli għal ħabta tax-xahar t'Ottubru tas-sena elfejn u disgħa u fis-sentejn u nofs preċedenti fil-***Omissis*** b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, iżda li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda ipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taħt l-eta

U jitlob li jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija sa erba' snin bir-reklużjoni jew mingħajrha, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 18, 204C(1), 17, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat ir-rikors konguntiv tal-Avukat Generali u tal-akkuzat pprezentat fil-15 ta' Ottubru, 2013 fejn iddikjaral li qeghdin jaqblu fit-termini tal-artikolu 453A(1) tal-Kodici Kriminali, u talbu lil din il-Qorti li fl-eventwalita' li jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkuzat ***Omissis*** ghall-akkuzi migjuba kontrih, il-piena li ghandha tigi nflitta fuqu minn din l-istess Qorti ghadha tkun wahda ta' tnax il sena prignuerija u dan oltre s-sanzjonijiet u konsegwenzi ohra tassattivi ghad-dikjarazzjoni u sejbien ta' htija ai termini tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi waqt is-seduta tal-lum, l-akkuzat, mistoqsi jekk huwiex hati skond l-Att tal-Akkuza, wiegeb billi stqarr li huwa kien hati tar-reati hemm dedotti kontra tieghu;

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-twegiba w taghtu ftit taz-zmien biex jerga' lura minnha, kif obbligata li

taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-akkuzat baqa' jtenni t-twegiba li huwa kien hati.

Ghaldaqstant, tiddikjara lil ***Omissis*** hati talli:

1. Għall-ħabta tax-xahar t'Ottubru tas-sena elfejn u disgħa u fis-sentejn u nofs preċedenti fil-***Omissis*** b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, iżda li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda kkommetta stupru vjolenti aggravat, u ċioè talli kkommetta stupru vjolenti fuq persuna tas-sess il-wieħed jew l-ieħor; b'dan li l-istupru dejjem jitqies li huwa vjolenti stante li kommess fuq persuna li kienet taħt l-eta ta' tnax il-sena kif ukoll billi l-akkużat, b'mod qarrieq, biex isikket lill-minuri milli jiżvela l-aġir illegali u abbużiv tiegħu, kien ibeżżża' lill-minuri li jekk jikxef x'kien qed jagħmel miegħu kien jgħajjat miegħu; u huwa aggravat inkwantu sar fuq persuna li fil-mument tal-istupru ma kienetx għalqet l-eta ta' disa' snin u/jew meta dan l-istupru sar fuq persuna li kien jgħix fl-istess dar bħall-akkużat u kien jgħix mal-akkużat matul perjodu ta' sena qabel ma seħħ l-istupru;

2. Għal ħabta tax-xahar t'Ottubru tas-sena elfejn u disgħa u fis-sentejn u nofs preċedenti b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, iżda li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda, bla ordni skont il-Liġi tal-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-Liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil xi persuna kontra l-volontà tagħha; b'dan li d-delitt sar bħala mezz biex persuna tiġi mġiegħla tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaga li toffendi l-mistħija tas-sess ta' dik il-persuna, u wkoll dan id-delitt seħħ kontra l-persuna ta' ***Omissis*** ossija persuna li tkun qegħda tgħix fl-istess dar bħall-akkużat jew li kienet qegħda tgħix mal-akkużat matul perjodu ta' sena qabel ir-reat u persuna li tiġi mill-akkużat mid-demm sat-tielet grad inkluživament in kwantu l-akkużat huwa ziju matern tal-vitma ***Omissis***;

3. Għall-ħabta tax-xahar t'Ottubru tas-sena elfejn u disgħa u fis-sentejn u nofs preċedenti fil-***Omissis*** b'diversi

atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, iżda li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda b'egħmil żieni, ikkorrompa lil ***Omissis***, meta dan ***Omissis*** kien għadu m'għalaqx it-tnax il-sena u f'kuntest fejn meta kien isir dan l-egħmil żieni l-akkużat kien, b'mod qarrieqi, ibeżża' lill-minuri ***Omissis*** li jekk jikxef x'egħmil żieni kien qed jagħmel miegħu, l-akkużat kien jgħajjat miegħu, kif ukoll dan l-egħmil żieni seħħ meta l-minuri kien ikun ukoll afdat miegħu għal xi żmien biex jieħu ħsiebu jew jindukrah;

4. Għal ħabta tax-xahar t'Ottubru tas-sena elfejn u disgħa u fis-sentejn u nofs preċedenti fil-***Omissis*** b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, iżda li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda ipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taħt l-eta

Ikkonsidrat;

Qieset l-ammissjoni qabel ma gie iffurmat il-guri, li pero' ma tistax tissejjah wahda bikrija ghaliex la saret mal-prezentata b'arrest tal-hati, u lanqas saret waqt il-kumpilazzjoni.

Il-gurisprudenza lokali kif ukoll dik ta' barra minn xtutna fir-rigward tal-piena inflitta meta persuna tghamel ammissjoni bikrija senjatament "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**" [24.2.1997] (Qorti Kriminali); "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri**" [5.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali); "**Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa"** [17.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali) kif ukoll il **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE** (Blackstone Press Limited 2001 edit) ;

Din il-Qorti thoss li f' dan il-kaz partikolari ghandha taderixxi ghat-talba konguntiva maghmula skond l-artikolu 453A(1) tal-Kodici Kriminali u ghaldaqstant, wara li rat l-artikoli 18, 17, 23, 31, 86, 87(1)(g)(h), 198, 201(a)(b), 202(g)(h)[v][vii], 203(1)(a)(b)(c) u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lil hati ***Omissis*** ghal piena ta' tnax il sena prignuerija kif ukoll li jhallas is-somma ta' tmien mitt

euro u tnejn u tmenin centezmu (€800.82) rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji inkorsi f'dan il-process, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali;

Tordna li jinhareg Protection Order fl-isfond tal-artikolu 382A tal-Kap. 9 ghal tlett snin wara li l-hati jkun skonta t-terminu ta' prigunerija favur ***Omissis***.

Tordna li l-isem tal-hati jkun inkluz fil-lista ta' pedofoli ai termini tal-Kap. 518 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------